TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 185/15/F

**Jack Scerri**

**vs**

**FGL Entertainment Ltd.**

Illum 26 ta' Lulju, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-30 ta' Settembru, 2015 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn u dsatax-il ewro u ħamsin ċenteżmu (€219.50), rappreżentanti l-prezz ta' *television* li waqa' u l-*base* tiegħu tfarrak.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta illi kien xtara *television* u l-istess *television* kien ġie installat fuq il-*base* tiegħu mir-rikorrenti. Wara li kien ilu hemm għal xi xhur dan it-*television* waqa', u l-*base* tkisser u tfarrak. Ir-rikorrenti jgħid illi m'għandux pets id-dar.

L-intimat issottometta li kien l-istess rikorrenti li nstalla t-*television* fuq il-*base* u li għalhekk huwa responsabbli għall-affarijiet li ġraw u li s-soċjeta' ntimata mhix responsabbli għal dak li ġara.

It-Tribunal, jinnota li huwa minnu li r-rikorrenti kien installa t-*television* fuq il-*base*, pero' meta waħħlu żgur li ma kienx sar xi żball għax fil-fatt dam xi għaxar xhur hekk.

It-Tribunal, pero' jinnota li żgur kien hemm xi ħaġa difettuża fil-*base,* għax kieku t-*television* ma kienx jaqa'.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888